# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru   21**

**Avviz  numru   866/00/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance p.l.c. ga Guardian Royal Exchange p.l.c. kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Borg Cold Stores Ltd u f'ismu proprju.**

**vs**

**John Sammut**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma komplessiva ta' LM630.37,0 (sitt mija u tletin lira Maltin u seba' u tletin centezmi) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura BCS 001 assikurata comprehensive hlief ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Borg Cold Stores Ltd u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-21 ta' Dicembru 1998 go San Giljan waqt li hu kien qed issuq il-vettura EBB 731 habat mal-vettura BCS 001 proprjeta' ta' Borg Cold Stores Ltd u misjuqa minn Marika Vella u ghal liema incident hu kien unikament responsabbli;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Settembru, 1999, 20 ta' Lulju 1999, u 4 ta' Gunju 1999, u bl-imghax tat-8% fuq LM630.37,0 mill-lum sal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-lum kontra Elmo Insurance Services Ltd assiguraturi tal-konvenut John Sammut kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Fl-ewwel lok in-nuqqas ta' responsabbilita tieghu ghad-danni reklamati mill-attur stante li l-incident mertu ta' din il-kawza gara unikament tort tal-assikurat tal-attur u dan kif ser jintwera tul is-smigh ta' din il-kawza;**

**2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi d-danni reklamati huma eccessivi;**

**3. Fit-tielet lok illi l-eccipjent ma jistax jinsab responsabbli ghal survey fees u claim charges ohra u "excess", dan kif ser jigi spjegat tul is-smigh tal-kawza, stante li dawn l-ammonti jirizultaw mill-kuntratt ezistenti bejn l-attur u l-assikurat;**

**4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;**

**5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fil-21 ta' Dicembru ta' l-1998 ghall-habta ta' l-10.00 ta' filghodu fi Triq il-Knisja, San Giljan, bejn il-vetturi wahda tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru EBB-731 misjuqa mill-konvenut John Sammut u l-ohra tal-marka Kia Avella bin-numru BCS-001 misjuqa minn Marika Vella;**

**2. Illi l-versjonijiet tal-konducenti involuti huma ghall-kollox kontrastanti:**

**a. <u>Dik ta' Marika Vella</u>:**

**Illi waqt li hi kienet qed issuq fit-triq indikata fil-paragrafu precedenti kien hemm vettura ohra "double parked" nofsha fuq il-bankina u malli waslet hdejn il-Pajero tal-konvenut dan qala' u qabadha bil-"bull-bar" mill-"mudguard" ta' quddiem sa dak ta' wara fuq in-naha tal-passiggier;**

**b. <u>Dik ta' John Sammut</u>:**

**Illi dan isostni li kien ipparkjat b'zewg roti fuq il-bankina u l-kumplament fit-triq u meta kien ghadu wieqaf ghaddiet il-vettura ta' l-assigurattrici tas-socjeta' attrici li misset mieghu u haditlu kemm kemm il-"bull-bar" u li**

**meta waqqfu l-istess konducenti nfurmatu li ma kienitx rat l-istess "bull-bar";**

**3. Illi jidher li dawn il-versjonjiet hekk kontrastanti kienu gia' gew ikkristallizzati meta l-pulizija accediet fuq il-post u hadet l-ewwel reazzjonijiet tal-protagonisti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-incident in dizamina jirrizulta li hu wiehed tassew banali li facilment seta' jigi evitat kieku intuzat il-prudenza u d-diligenza tant awspikata fis-sewqan;**

**Illi principalment qed jinghad dan fil-konfront ta' l-assigurata tas-socjeta' attrici li kienet gejja minn wara l-vettura tal-konvenut u ghalhekk kellha vizwali assoluta u kompleta tat-triq;**

**Illi f'kazijiet bhal dan meta fi triq dejqa hemm vetturi ohra quddiem il-vettura li gejja minn wara li jistghu jostakolaw it-triq, il-konducent ta' din il-vettura ghandu jassigura ruhu li hu jkun jista' m'hux biss jghaddi b'facilita' izda li jigbed l-attenzjoni tal-konducent l-iehor li qieghed wieqaf quddiemu biex ma jkun hemm l-ebda manuvri approssimattivi jew azzardati;**

**Illi fil-fehema tal-qorti l-assigurata odjerna effettwat kalkolu erroneu minghajr ma ndikat lill-konvenut li kienet ser tipprocedi;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**